

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUNSILL

Notifika mir-Rumanija dwar ir-reciprocity tal-viża ⁽¹⁾

(2008/C 161/03)

Brussell, 22 ta' April 2008

Nru 3668

Ir-Rappreżentanza Permanenti tar-Rumanija għall-Unjoni Ewropea tiffraħ lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u, b'segwitu għan-Nota Verbali Nru 1629 tar-Rappreżentanza Permanenti tal-21 ta' Frar 2007 u abbażi ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 851 tat-2 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' reciprocity, għandha l-unur tikkomunika li, wara d-deċiżjoni tal-Gvern ta' Brunei Darussalam dwar l-abolizzjoni ta' l-obbligu għal viża, mill-1 ta' Frar 2008, iċ-ċittadini Rumani huma eżenti mill-obbligu għal viża għal żjara ta' anqas minn 30 jum.

Notifika simili ntbagħtet lill-Kummissjoni Ewropea.

Ir-Rappreżentanza Permanenti tar-Rumanija tieħu din l-opportunità sabiex għal darb'oħra tassigura lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-ogħla konsiderazzjoni tagħha.

⁽¹⁾ Din in-notifika hija ppubblikata b'konformità ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 851/2005 tat-2 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 141, 4.6.2005, p. 3) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 (ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1).